MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru 651/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs.**

**Edison Rubla**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edison Rubla ta’ ghoxrin (20) sena, iben Suleman u Menoluke, imwieled Albania fit-12 ta’ Marzu 1992 u joqghod f’indirizz mhux maghruf, detentur ta’ Passaport bin-numru BB2119302, akkuzat talli fil-21 ta’ Gunju 2012, u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer;

1. Xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat, u cioe’ karta ta’ l-identita’ Taljana ai termini ta’ l-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kien fil-pussess ta’ passaport li huwa kien jaf li huwa iffalsifikat u/jew li sar tibdil fuqu, ai termini ta’ l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Minghajr awtorita kompetenti uza jew kien fil-pussess ta’ dokument iffalsifikat mehtieg ghal ghanijiet ta’ l-Att dwar l-immigrazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri u l-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------